IL-MALTI

QARI LI TOHROG IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

MARZU 1958

# Progress u Suċċess tal-"World Health Organization" matul l-aħħar għaxar snin

*IL-LUM fis-seklu għoxrin il-popli tad-dinja ma għadhomx jaħsbuha kulħadd għal rasu kif kienu qabel; il-lum bil-mezzi tal-kommunikazzjonijiet ġodda u tal-progress xjentifiku, id-dinja saret qisha pajjiż wieħed u n-nies u l-Gvernijiet fehmuha li jeħtiġilhom igħixu għalenija mhux biss għax jaqblilhom iżda wkoll għax il-firda tista' tkun mhux biss it-telfa iżda l-qirda tagħhom.*

*L-unjoni bejn il-popoli fiż-żmenijiet li aħna fihom hi s-salvazzjoni tal-ġeneru uman, hi tkattar il-kummerċ u l-ġid tal-pajjiżi, tisviluppa r-riżorsi ta' l-art, tgħolli l-livell tal-ħajja tan-nies, tavanza l-progress u fuq kollox tinmiljora s-saħħa tagħhom.*

*Mill-eqdem żmenijiet kienet teżisti x-xewqa għall-unjoni fost il-popli: il-"Holy Alliance", il-"Lega tan-Nazzjonijiet" u l-"United Nations" huma effetti f'epoki differenti, ta' din ix-xewqa għal għaqda fost il-popli imma għal xi raġuni jew oħra kull organizzazzjoni li twaqqfet qabel il-"United Nations" intemmet wara żmien twil jew qasir skond iċ-ċirkustanzi. Naħseb li waħda mill-aqwa raġunijiet li fixklu s-suċċess ta' dawk il-għaqdiet kien il-fatt li huma ma kinux iħaddnu l-aspetti kollha tal-ħajja tal-bniedem. Għal dan in-nuqqas irrimedjat il-"United Nations" billi waqqfet organizzazzjonijiet ħalli jieħdu ħsieb xi attivitajiet importanti tal-ħajja.*

*Waħda mill-aqwa organizzazzjonijiet hi l-"World Health Organization" li nħolqot biex tikkoordina l-ħidmiet, il-progressi u l-istudji li jsiru fost in-nazzjonijiet bi skop li jħarsu u jkattru s-saħħa tan-nies tagħhom, li jxerrdu t-tagħlim tas-saħħa, li jfiehmu l-fejda tas-saħħa u fuq kollox iħajruhom jinqdew b'mezzi ġodda u effikaċi biex iħarsu 'l saħħithom mill-mard u jgħixu kuntenti. Meta bniedem jgħix kuntent hu aktar ikun jista' jilħaq jikkontribwixxi għall-progress tan-nazzjon.*

*Is-saħħa tal-poplu hi l-aqwa riżorsa tal-pajjiż. Il-kostituzzjoni tal-"World Health Organization" issostni li kull bniedem*

*għandu d-dritt li jgħix f'saħħtu. Tmienja u tmenin Stat iffirmaw din il-kostituzzjoni u għalhekk irrikonoxxew dan id-dritt. Sfortunatament għad hemm ħafna nies fid-dinja li għadhom ma bdewx igawdu dan id-dritt u għalhekk saħħithom għadha mhix imħarsa minn kull mard u deni kif missha tkun u dan hu ta' periklu għax fejn is-saħħa tal-poplu ma hix imħarsa tajjeb hemm il-mard u billi llum l-mezzi ta' trasport bejn pajjiż u ieħor saru tant faċli u mgħaġġlin hemm periklu kbir ta' tixrid ta' mard minn pajjiż għall-ieħor. Difatti fil-konferenza internazzjonali li ltaqgħet fi New York fl-1845 ir-rappreżentanti ta' wieħed u sittin nazzjon iddikjaraw illi n-nuqqas tas-saħħa fi kwalunkwe pajjiż tad-dinja tikkostitwixxi periklu għall-pajjiżi l-oħra u għalhekk is-saħħa tan-nazzjonijiet għandha titqies bħala ħaġa ta' interess internazzjonali u mhux biss nazzjonali.*

*Fuq dan il-prinċipju u bi skop li nazzjon tgħin lill-oħra fil-glieda kontra l-mard, il-Gvernijiet qegħdin jikkooperaw flimkien biex isolvu l-problemi ta' kulħadd, biex iqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' kulħadd il-progress li kisbu wħedhom u biex iħabirku lkoll flimkien għall-avanz ta' l-iġjene u sanità mhux f'pajjiż wieħed biss imma fid-dinja kollha kif iddur.*

*Is-siwi ta' kull ħaġa fid-dinja jitqies mis-suċċess li jkollha: jekk tkun ħaġa li hemmx bżonnha jew li l-poplu ma jridhiex allura tnin u tintemm f'qasir żmien. Kien hemm ħafna proġetti li ma mexxewx u kien hemm ħafna attivitajiet li sfaw fix-xejn għax ma kinux ta' ħtieġa essenzjali, imma mhux hekk il-"World Health Organization". Din l-organizzazzjoni mliet vojt li kien ilu jinħass eluf ta' snin u għalhekk il-ħidma tagħha kienet milqugħa tajjeb, għamlet suċċess u sfat ta' ġid kbir.*

*Il-qofol tal-W.H.O. hu l-ħarsien mill-mard. L-idea moderna dwar il-mard mhux li tikkurah biex tfejqu iżda li tilqagħlu biex ma jiġix. Il-lum l-awtoritajiet sanitarji kollha qegħdin jaħdmu biex jevitaw il-mard għax sabu li aktar jaqbel wieħed iħabrek u jagħmel l-ispejjeż biex jevita l-mard milli biex ifejjaq il-marda għax ladarba bniedem jilħaq jimrad ma jafx il-mard x'konsegwenza jista' jkollu u x'taqlib u nkwiet iġib fid-dar barra x-xogħol li jintilef u l-qligħ ta' pagi li jonqos.*

*Il-ħarsien mill-mard il-lum hu ikkonsidrat bħala xogħol speċjalizzat, xogħol li jeħtieġ preparazzjoni, mezzi u nies kapaċi. Il-W.H.O. qiegħda tgħallem u tagħti pariri kif għandu jkun ippjanat u effettwat il-moviment għat-tħaris mill-mard tal-kotra tal-popli għax jekk ma jkunx hemm pjan tajjeb u xjentifiku jistgħu*

*jintefqu ħafna flejjes bla ma jinkisbu riżultati tajbin. It-tħejjija biex tibda kampanja kontra l-mard nisthajjilha operazzjoni ta' tattika ta' qabel xi battalja fil-gwerra. Jeħtieġu li l-mexxejja u l-uffiċjali u n-nies tagħhom kulħadd mgħallem tajjeb u kulħadd jaf x'għandu jagħmel. Fil-kas ta' kampanja kontra l-mard il-mexxejja u l-uffiċjali huma t-tobba tas-sanità, li għandhom esperjenza f'dan ix-xorta ta' xogħol u huma speċjalisti fil-materja ta' iġjene u sanità. Dawn l-ispeċjalisti jkollhom il-għajnuna ta' spetturi sanitarji,* health visitiors, nurses *u impjegati oħra li kull wieħed u waħda minnhom jagħmlu d-dmir tagħhom u lkoll flimkien jaħdmu qishom roti ta' makna waħda.*

*B'dan is-sistema saru sviluppi u suċċessi tal-għaġeb fl-aħħar għaxar snin minn kemm ilha taħdem il-W.H.O. Kien hemm pajjiżi fejn wara kampanja mill-awtorità sanitarja bil-għajnuna tal-W.H.O. ġiet meqruda n-nemusa tal-malarja minn territorji kbar eluf ta' mili kwadri u hekk il-poplu ħeles minn dik il-marda. Hawn Malta fiċ-ċokon tagħna, organizzajna bil-għajnuna tal-W.H.O., it-tilqim kontra t-tuberkulosi, (B.C.G. vaccination) li mexxiet ħafna u ħelset ħafna tfal mill-mard tas-sider.*

*Iżda biex is-sistema tal-lum jirnexxi jeħtieġ propaganda. Dan il-mezz fi żmienna sar mhux biss popolari iżda essenzjali għax mingħajru l-proġetti u l-ħidmiet tal-Gvern qatt ma jkollhom s-suċċess li jistħoqqilhom. Il-propaganda qisha t-tisqija biex iż-żerriegħa tinxettel, trabbi l-egħruq u tikber. Bla propaganda l-poplu jibqa' bla ma jagħraf il-ħtieġa jew is-siwi tal-proġett li jkun u hekk jibqa' biered, ma jagħtix kas u ma jinteressax ruħu u jekk il-poplu ma jikkooperax, il-ħidma, in-nefqa u l-materjal ma jagħtux frott jew ma jilħqux il-għan ewlieni tagħhom. Din il-propaganda trid tkun sinċiera, għaqlija u soda. Il-lum il-poplu ma għadux jemmen kollox iżda jrid spjegazzjoni. Mela l-propaganda għandha ssir bi skop ta' tagħlim u biex tiftaħ għajnejn in-nies għax is-suċċess tal-propaganda jitqies mill-effett li jkollha fuq il-poplu u mir-reazzjoni tal-kotra. Waħda mill-ħidmiet tal W.H.O. hi li torganizza kampanja tal-propaganda u tagħti pariri kif għandha ssehh dik il-propaganda u r-riżultati li wieħed jista' jistenna. F'dawn l-aħħar għaxar snin kienu proġettati bil-għajnuna tal-W.H.O. kampanji kbar kontra x'uħud mill-mard l-aktar qalil. F'Burma kontra l-lebbra, f'Borneo kontra l-malarja; fl-Iskandinavja kontra l-paralisi infantili, fl-Indja u fil-Pakistan kontra l-mard tat-tfal, f'Taiwan kontra t-trakoma. Dan barra l-organizzazzjoni ta' kampanji kbar għall-progress tal-iġjene u*

***sanità f'bosta** pajjiżi oħra tad-dinja.*

*Għalhekk nistgħu ngħidu li f'dawn l-aħħar għaxar snin il-W.H.O. mhux biss iġġustifikat ruħha iżda wriet kemm hi kbira l-ħtieġa tagħha fil-ħajja ta' daż-żmien u kemm hu ta' fejda l-kontribut li qiegħda tagħmel biex ittejjeb is-saħħa tal-ġnus u tnaqqas il-mard. Matul dawn l-aħħar għaxar snin l-awtoritajiet sanitarji tad-dinja kollha ivverifikaw nuqqas kbir kemm fin-numru tal-każijiet kemm fil-qilla ta' mardijiet serji li dari kienu jqajmu epidemji ħorox u qirda ta' eluf ta' nies. Il-kolera, il-pesta, il-ġidri, it-tifu,, id-deni isfar il-lum qajla għadhom jixegħlu f'epidemji li jixterdu minn pajjiż għall-ieħor u minn kontinent għall-ieħor kif kienu jagħmlu dari. Bil-mezzi li minnhom nistgħu niddisponu l-lum dan il-mard qiegħed jiġi limitat, ikkurat u ikkontrollat. Nieħdu l-kolera, din il-lum tinsab biss f'Ilvant Imbiegħed u hemm mhux fil-pajjiżi kollha teżisti imma f'ċerti nħawi biss li għadhom lura. Biex insemmu pajjiżi oħra, fl-Indja u l-Pakistan mill-1945 sa l-1949 kien hemm 824,000 każ ta' kolera, iżda mill-1950 sa l-1954 il-każijiet naqsu u niżlu 385,000—aktar min-nofs.*

*It-tifu għoddu nqered mill-Ewropa u mill-Amerika ta' Fuq filwaqt li f'pajjiżi oħra qiegħed jonqos u jispiċċa b'mezz tad-D.D.T. u preparati oħra. Il-ġidri dari kien it-terrur tan-nazzjonijiet iżda l-lum rari jixgħel u jaqbad f'imxija u meta jiġri dan, bil-mezzi li għandna f'idejna, irażżnuh f'qasir żmien kif kien ġara f'Malta fl-1947 meta kienet dehret il-marda fostna; f'dik l-okkażjoni ma kinux ittieħdu ħlief xi tnax-il ruħ biss. Nistgħu nsemmu wkoll li minn riċerki li għamlet il-W.H.O. ġie ikkalkolat li d-deni isfar (yellow fever) bejn 1950-1955 naqas mal-50 fil-mija.*

*Dawn huma ftit mis-suċċessi li saru fil-qasam tas-saħħa pubblika bit-tħabrik tal-W.H.O. f'dawn l-aħħar għaxar snin. Il-ħidmiet li semmejna jiswew ta' ġid kbir fil-ħajja tal-lum imma aktar minn dan il-ġid materjali hija ta' fejda l-kuxjenza pubblika li tnisslet fost in-nies. Bil-ħidma u bit-tħabrik tal-W.H.O. il-lum in-nies qegħdin kulma jmur aktar jirrealizzaw kemm hi ħaġa għażiża s-saħħa tal-kotra u għalhekk hawn moviment mad-dinja kollha biex il-Gvernijiet jagħmlu minn kollox biex iħarsu u jwettqu s-saħħa pubblika. Dan hu sinjal tajjeb u rahan ta' rieda tajba għalli ġej. F'dawn l-aħħar għaxar snin rajna suċċessi tal-għaġeb: jekk nibqgħu sejrin b'l-enerġija li mexjin issa, min jaf x'avanz kbir għad nagħmlu f'għaxar snin oħra!*